MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru. 1414/2007

**PULIZIJA**
**SUPRETENDENT SILVIO VALLETTA**
**VS**
**EMANUEL FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Farrugia ta' 47 sena, iben Angelo u Giovanna xebba Azzopardi, mwieled Qormi nhar is-19 ta'April 1960, u residenti No. 44, Qormi Road, Marsa u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 293260(M).

U akkuzat:

a. Talli fis-Swieqi nhar 8 ta'Novembru 2007 ghal habta tal-11.20 ta'filghodu, fi triq l-Ilqugh, flimkien ma'persuni ohra, ikkommetta serq ta' kwantita' ta'sigaretti li l-valur komplessivament taghom jammonta ghal Lm 15,000

(34,893.95 EURO) liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, valur, u x-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’NM Arrigo ltd;

b. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti is-setgha lilll-privat li jarresta lill hati, arresta, zamm jew ssekwestra lil David Grech u persuni ohra kontra l-volonta’tieghu;

c. U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta’serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’arma tan-nar jew imitazzjoni ta’arma regolari;

d. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta, b’diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta’Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 156) ,taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl- imputat.

Rat il-verbal tal-26 ta’Jannar, 2009 fejn l-imputat ma sabx ogezzjoni li jigu gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-amissjoni ta’ l-imputat registrata fl-14 ta’ Frar 2012;

Semghet il-konferma ta’ l-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragenoveli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 17, 23, 31,49, 50, 86, 261 (a) (c) (g), 262 (1) (b),267, 271 (g), 275, 277 (a), 279 (2), 280 (2), 281 , 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta, Artikoli 55, 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’Malta u tikkundana lill-imputat Emanuel Farrugia ghall-sentejn (2) prigunerija .

Din il-piena qedgha tigi akkordata in vista ta’ l-amissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-Fedina Penali tieghu, u il-ko operazzjoni tieghu mal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------